# X'DINJA!

Rajt warda mxebilka
Ta' dâr mal-ħitan,
Ta' lewn ta' nâr aħmar,
Bħal lbies ta' sultan.

Waqaft lejha nħares,
B'għajnejja mberrgħin,
U f'qalbi tqanqluli
Xewqat sbiħ, ħelwin.

U xiħ ġie fit-tieqa,
Lemaħni ħosbien,
U qalli biex naqta'
Xi warda b'serħien.

Meddejt idi mxennqa,
'Ma dlonk karba slitt,
Għax ġieni wġigħ qawwi
F'dik l-îd li newwilt.

U rajt minnha ħierġa
Tad-demm xi qatriet,
Għax laqtet u ċċartet
Taz-zokk max-xewkiet.

Jaħasra, għedt f'qalbi,
Fid-dinja m'hawnx ferħ,
Li m'hux mħallat bl-għali;
Biss f'Alla hemm is-serħ.

Tas-Sliema, 22-10-31.

DUN PIETRU PAWL GRIMA.